**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta’ Frar, 2017

Rikors numru : 564/16 AL

AB
VS
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewwgu fid-9 ta’ Lulju 2005 fil-Knisja ta’ San Duminku, Rabat (certifikat taz-zwieg Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Anthony Abela fil-21 ta’ Mejju 2010 (Dok B anness);

Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi ilhom snin twal mifrudin u jghixu hajja

totalment separata minn xulxin u sahansitra r-rikoorenti ghandha rabta ma' persuna ohra u ghandhom it-tfal;

Illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda pretensjoni b'mod assolut kontra l-intimat skont il-kuntratt ta'separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifisha (Dok C);

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Jannar, 2017;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla iwiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Mejju 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.